MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 90/2003/1

**Pawlu Buttigieg u martu Carmen Buttigieg**

**v.**

**Joseph Portelli u martu Doreen Portelli, Emmanuel Mercieca u martu Pawla Mercieca, Mario Azzopardi u martu Angela Azzopardi, Saviour Camilleri u martu Concetta Camilleri.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fil-11 ta' Lulju 2008 liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:
"**Il-Qorti,**

"**Azzjoni ta' spoll – uzu ta' passagg – tqeghid ta' xatba.**

"Rat ic-citazzjoni prezentata fis-27 ta' Awwissu 2003 li permezz taghha ppremettew li l-atturi huma proprjetarji ta' raba' fil-Qala, Ghawdex u li ghaliha hemm access bir-rigel u mohriet minn passagg li jaghti ghal Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex. Dan l-access ilu li jsir ghal zmien twil mill-atturi u wkoll mill-predecessuri taghhom fit-titlu tal-art fuq imsemmija. Fit-30 ta' Gunju 2003 il-konvenuti vjolentement impedew lill-attur milli jghaddi minn dan il-passagg u fit-8 ta' Lulju 2003 ghamlu xatba bl-iskop li jostakolaw l-access tal-atturi ghal gewwa dan il-passagg. Dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-atturi. Ghalhekk l-atturi talbu sabiex:-

"1. Tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi.

"2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirreintegraw l-ispoll billi fi zmien qasir u perentorju inehhu x-xatba u jergghu jpoggu kollox fl-istat pristin tieghu kif ukoll billi bl-ebda mod ma jimpedixxu lill-atturi milli juzaw l-imsemmi passagg.

"3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jirriprendu l-pussess u jaghmlu dak li hemm bzonn sabiex l-ispoll imsemmi jigi reintegrat ghas-spejjez tal-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fis-17 ta' Ottubru 2003 (fol. 15) li biha eccepew li:-

"1. Il-konvenut Joseph u Doreen konjugi Portelli, Mario u Angela konjugi Azzopardi u Saviour u Concetta konjugi Camilleri gew inkluzi f'din il-kawza inutilmentu ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. It-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li jonqsu t-tlett elementi tal-pussess, spoll u l-perjodu tax-xahrejn.

“3. Ix-xatba msemmija fic-citazzjoni kienet tnehhiet ferm qabel giet prezentata c-citazzjoni.

“Rat l-atti kollha nkluz il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar 2008 (fol. 202) minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat:-

“1. Din hi kawza ta’ spoll li tittratta passagg li jisbokka fi Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex. Il-konvenut Saviour Camilleri spjega: *“Hu minnu li l-passagg kien jinfed mal-ghalqa gja ta’ Coronato Portelli u dana ma kien hemm l-ebda ostakolu.”* (fol. 51[1]). L-atturi jsostnu li l-ispoll jikkonsisti fis-segwenti:-

“1. **30 ta’ Gunju 2003** – il-konvenuti mpedew lill-attur Pawlu Buttigieg milli jghaddi mill-passagg waqt li kien akkumpanjat mill-avukat Dr. Grazio Mercieca;

“2. **8 ta’ Lulju 2003** – saret xatba min-naha tal-proprjeta` ta’ l-atturi. Mill-provi jirrizulta li din ix-xatba tnehhiet qabel giet prezentata l-kawza. Fil-fatt l-attrici xehedet:- *“Nikkonferma li x-xatba nqalghet qabel ma ghamilna l-kawza.”* (fol. 42[2]). F’ittra ufficcjali prezentata fil-11 ta’ Awwissu 2003 (fol. 31) l-atturi kkonfermaw li x-xatba tnehhiet.”

“2. Din l-istanza m’hijiex dik idoneja sabiex jigi stabbilit jekk il-proprjeta` ta’ l-atturi tgawdix servitu’ ta’ passagg fir-rigward tal-passagg. Fis-sentenza **Giuseppe Cassar et vs Paolo Cassar et** deciza fil-11 ta’ Marzu 1955 inghad: *“Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrali li, anki meta si tratta mhux ta' servitu vera u proprja, imma minn dik li tissejjah servitu' personali, ghax tkun pjuttost dritt ta'*

[1] Seduta tat-13 ta’ Jannar 2005 (fol. 49-51).
[2] Seduta tas-7 ta’ Mejju 2004.

*obligazzjoni, il-kwazi-pussess taghha huwa tutelabbli bl-azzjoni possessorja kontra l-awtur tat-turbativa.”*.

“3. Mill-atti jirrizulta li l-fatti li qeghdin jilmentaw minnhom l-atturi graw. F’kawzi ta’ spoll *“Il-qorti ghandha tezamina **biss** il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt ta’ l-ispoll”* (Artikolu 791[3] tal-Kap. 12) u li kawza tkun saret fi zmien xahrejn minn dak in-nhar li jkun sar l-ispoll. Il-pern tal-kwistjoni hi dwar jekk l-atturi kellhomx pussess tal-passagg in kwistjoni, u li ghalkemm jista’ jitnissel minn *causa injusta* hu difiz mil-ligi kontra l-ispoll vjolenti u klandestin. F’kawza simili dak “***Li hu rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kawza hu l-fatt dwar jekk kienx minnu jew le li l-atturi <u>kienu gieli</u> jaghmlu uzu minn dan il-passagg***” (**John Cordina et vs Dolores Mifsud et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-13 ta’ April 2007[3]). Kif tajjeb inghad fis-sentenza **John Sammut vs Emanuel Sammut**[4]: *“Hu pacifiku li l-espressjoni “pussess ta’ kwalsiasi xorta” tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz (**Vol XLII pII p973**). Pero hu mehtieg dejjem li l-attur jipprova li ghandu dan il-pussess (**Vol XXXII pII p238**). Anke wiehed qasir hafna u sahansitra pussess momentaneju jibbastaw biex jawtorizzaw l-azzjoni ta’ spoll (**Vol XXXVII pII p642**).”*. Ghalhekk il-protezzjoni li taghti l-ligi m’hijiex radikata fuq id-dritt ta’ proprjeta` jew ta’ servitu’. M’hemmx dubju li f’azzjoni ta’ din ix-xorta *“... non e’ permesso di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, perche’ la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto.”* (**Giuseppe Felice vs Giorgio Cini et** deciza fl-24 ta’ Novembru 1933[5]). Ghalhekk f’dan il-kuntest: *“....chi propone l’azione di spoglio non e’ necessario che provi aver egli diritto di proprieta’ o di servitu’ sulla cosa di cui per violenza o clandestinitamente venne spogliato**; e se l’azione tende a fare rimuovere l’impedimento frapposto con violenza od occultamente ad un passaggio prediale, l’attore non ha bisogno ne’ il dovere di produrre il titolo costitutivo della servitu’ in sostegno della sua***

[3] Din il-kawza kienet ukoll wahda ta’ spoll u tittratta l-uzu ta’ passagg.
[4] Prim’Awla tal-Qorti Civili, Imhallef P. Sciberras 31 ta’ Jannar 2003.
[5] Vol. XXVIII.i.503.

*azione.”* (**Capitano Roberto Mizzi nomine vs Francesco Sant** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Frar 1921[6]). Ghalhekk anke fin-nuqqas ta’ titolu hu possibbli li wiehed jirrikorri ghall-azzjoni ta’ spoll.

Irrizulta li fl-2002 l-atturi xtraw porzjon art minghand Coronato Portelli bl-iskop li jkabbru l-gnien tad-dar (135, Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex).

“4. L-atturi xehedu:-

“(a) **<u>Pawlu Buttigieg</u>** (affidavit – fol. 27 u kontroezami) - Kien ighaddi mill-passagg biex imur izur lil Ganni Xerri, hu nannuh li kellu d-dar fi Triq Wardija. Semma wkoll okkazzjonjiet meta mar id-dar tal-konvenuti u kien ghadda minn dan il-passagg. Uliedu kienu wkoll jaghmlu uzu mill-passagg ghaliex matul il-vaganzi tal-iskola kienu jilghabu ma’ wlied il-konvenuti konjugi Azzopardi u Portelli u biex imorru d-dar ghandhom kienu jghaddu minn dan il-passagg. L-ewwel darba li saret oggezzjoni kien meta l-konvenuti Mario Azzopardi u Pawla Mercieca qalulu li ma kellux dritt li jghaddi minn hemmhekk. Dan kien fl-okkazzjoni li mar fuq il-post fl-imkien ma’ ufficcjali tal-Malta Environment and Planning Authority. Kompla jghid: *“jiena wara dik l-okkazzjoni bqajt nghaddi minn hemm regolarment, kemm biex nghaddi ghal ghand Ganni Xerri, kif ukoll ghal tal-apposta biex nurihom illi jien kelli dritt nghaddi minn hemm u li dan id-dritt kont sejjer nibqa’ nezercitah.”*[7]. Fit-30 ta’ Gunju 2003 ipprova jghaddi mill-passagg, waqt li kien akkumpanjat mill-avukat Dr. Grazio Mercieca. Qal li *“.... Joseph Portelli li beda jghajjat li ma kellniex dritt nghaddu minn hemm. Minkejja dan l-avukat xorta pprova jghaddi u Portelli zammu b’idejh.”*. Sussegwentement fit-8 ta’ Lulju 2003 saret xatba fit-tarf tal-passagg sabiex l-atturi ma jkunux jistghu jghaddu mill-passagg. Ikkonferma wkoll li mid-dar tieghu ghandu access ghall-ghalqa li xtara fl-2002 peress li tikkonfina mal-gnien tad-dar.

[6] Vol. XXIV.i.658.
[7] Fol. 28.

"(b) **Carmen Buttigieg** (7/5/2004 – fol. 41) – F'Settembru 2002 xtraw ghalqa retrostanti l-gnien tad-dar. Bdew isiru xogholijiet, tqattiegh tal-blat, sabiex l-ghalqa ssir estensjoni tal-gnien. Kienet tghaddi mill-passagg sabiex tmur tara lil hu n-nannu tar-ragel li joqghod fi Triq Wardija. Il-passagg jisbokka ghal gewwa din it-triq. Kienu ighaddu mill-passagg in kwistjoni sa minn qabel xtraw l-ghalqa.

"Min-naha tal-konvenuti, Saviour Portelli (fol. 50), Joseph Portelli (fol. 58b, Emanuel Mercieca (fol. 64), Angela Azzopardi (fol. 72), Doreen Portelli (fol. 76) xehedu li lill-atturi qatt ma rawhom ighaddu minn dan il-passagg.

"M'hemmx dubju li tressqu zewg verzjonjiet opposti ghal xulxin. Pero' l-Qorti tqies li:-

"(a) Il-fatt li l-ewwel tqieghedet ix-xatba tal-injam li tidher fid-dokument PB7 sabiex timblokka l-access mill-passagg u granet wara tnehhiet wara li l-konvenuti hadu parir legali[8] fih innifsu hu ndizju li l-konvenuti kienu jafu li l-atturi qeghdin jaghmlu uzu mill-passagg li jisbokka ghal fuq Triq Wardija, irrispettivament dwar jekk ghandhomx dritt li jghaddu minnu. Jekk l-atturi ma kienux ighaddu mill-passagg x'kien l-iskop li titwahhal xatba, li m'hemmx dubju twahhlet biex iccahhad lill-atturi milli jghaddu mill-passagg. Il-Qorti qeghda tifhem li l-parir legali li nghataw il-konvenuti kien fl-isfond li ma jistghux jiehdu l-ligi b'idejhom u li kellhom jaghmlu kollox kif kien qabel twahhlet ix-xatba. Ghal Qorti m'huwiex verosimili li parir simili nghata ghaliex l-attur ghadda mill-passagg f'okkazzjoni wahda biss minkejja l-oggezzjoni tal-konvenuti (ara per ezempju xhieda tal-konvenuta Angela Azzopardi fol. 129). Mill-atti jirrizulta kif:

(i) **Fil-31 ta' Lulju 2003** (fol. 32) l-atturi pprezentaw ittra ufficjali li biha nterpellaw lill-konveuti sabiex inehhu x-xatba li kienet twahhlet fit-8 ta' Lulju 2003.

[8] Ara xhieda in kontroezami ta' Angela Azzopardi (seduta tat-18/10/2006) fol. 127.

(ii) **Fit-8 ta' Awwissu 2003** (fol. 34) il-konvenuti wiegbu b'ittra ufficjali u ddikjaraw li l-attur ma ghandhomx dritt li jghaddu mill-passagg, li l-passagg taghhom hu minn Triq l-Ghaxra (10) ta' Ottubru, Qala u li l-atturi qatt ma kienu ghamlu uzu mill-passagg.

(iii) **Fil-11 ta' Awwissu 2003** (fol. 31) l-atturi regghu pprezentaw ittra ufficjali fejn interpellaw lill-konvenuti sabiex fi zmien jumejn jiddikjaraw bil-miktub *"...li intom m'intom bl-ebda mod sejrin ixekklu lill-mittenti milli jezercitaw id-dritt ta' passagg taghhom, jitqies li l-ispoll ghadu hemm u ghalhekk issir kawza opportuna."*.

(iv) **Fis-26 ta' Awwissu 2003** (fol. 33) il-konvenuti Emanuel u Pawla Mercieca wiegbu permezz ta' ittra ufficjali ohra u ddikjaraw li nehhew ix-xatba *".... biex ma jaghtu l-ebda lok illi b'xi mod tipprova tistitwixxi xi kawza kontra taghhom u minghajr ma b'xi mod qed jaghtuk xi dritt li tghaddi minn dan il-passagg."* (fol. 33).

"(b) Il-konvenuti qalu li l-passagg ma kienx jintuza hlief minnhom u l-awturi taghhom. Pero' mill-provi rrizulta mod iehor. Hekk per ezempju Coronato Portelli spjega kif: *"Kemm jien kif ukoll il-predecessuri tieghi fit-titolu ta' din l-ghalqa konna nuzaw il-passagg li jghaddi mir-raba' tieghi sa Triq Wardija."*. Carmela Borg[9] xehedet li kienet taghmel uzu mill-passagg[10] u ***"minn dan il-passagg kulhadd kien jghaddi."***. Issir ukoll riferenza ghax-xhieda ta' Francesca Giuseppa Grech (fol. 23) u Carmela Borg (fol. 24). Min-naha taghha l-konvenuta Pawla Mercieca fl-ahhar tal-kontroezami (fol. 88) qalet li n-nannu tal-attur kien ighaddi mill-passagg. Irrizulta wkoll kif it-tfal tal-atturi kienu jaghmlu uzu mill-passagg (ara xhieda ta' Patricia Buttigieg[11] u Loranne Buttigieg[12]). Fil-fehma tal-Qorti dawn il-provi jxellfu l-kredibilita' tal-konvenuti.

"(c) Il-passagg in kwistjoni kien jibqa' diehel fl-ghalqa in kwistjoni li qabel kienet ta' Coronato Portelli u li nxtrat mill-

[9] Seduta tas-26 ta' Novembru 2007 (fol. 179).
[10] Ghalkemm qalet li kienet ilha 20 sena ma tghaddi mill-passagg.
[11] Seduta tal-24 ta' Marzu 2004 (fol. 35).
[12] Seduta tas-7 ta' Mejju 2004 (fol. 39).

atturi fl-2002. Il-konvenut Saviour Camilleri kkonferma li l-passagg kien jinfed ghal gewwa l-ghalqa li llum hi proprjeta` ta' l-atturi (fol. 51), indizju iehor favur it-tezi tal-atturi.

"5. Ghal dak li hu spoll, il-konvenuta Angela Azzopardi[13] ikkonfermat li x-xatba saritilha cavetta (fol. 128). L-atturi lanqas kieku riedu ma setghu jghaddu mill-passagg ghaliex ma nghatawx kopja tac-cavetta. L-istess konvenuta qalet ukoll li x-xatba twahhlet minn zewgha ghaliex l-attur *"...ghidnielu bil-kelma t-tajba li m'ghandux dritt jitla' minn hemm u baqa' jitla' u wahhalna gate ghax dak il-passagg provat tagna u ta' hadd izjed. Wahhalna gate ghaliex m'ghandux dritt jitla' minn hemm. U twahhlet ma' taghna, mal-hitan taghna...."*[14]. Il-Qorti tqies li ghalkemm ix-xatba setghet twahhlet minn Mario Azzopardi, hu verosimili li dan sar bi qbil mal-konvenuti l-ohra (li lkoll jippretendu li huma koproprjetarji tal-passagg). Fil-fatt fl-ittra ufficjali tas-26 ta' Awwissu 2003 il-konvenuti Emmanuel u Pawla konjugi Mercieca ddikjaraw li x-xatba saret minnhom. Wiehed ghandu jiftakar li f'dak iz-zmien il-konvenuti kollha kienu qeghdin joggezzjonaw li l-atturi jghaddu mill-passagg in kwistjoni. Tant hu hekk li per ezempju fl-ittra ufficjali prezentata fis-26 ta' Awwissu 2003 (fol. 33) mill-konvenuti Emanuel u Pawla konjugi Mercieca gie dikjarat, *"il-mittenti nehhew ix-xatba li ghamlu......"*. Il-Qorti tikkonkludi wkoll li kien hemm spoll meta l-atturi flimkien mad-difensur taghhom gew fizikament impeduti, mill-konvenut Joseph Portelli[15], milli jghaddu mill-passagg. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet: **Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello ed altri** deciza fid-29 ta' April, 1916 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[16]: *"Che l'attrice ha provato di avere posseduto e di essere stata turbata nel suo possesso e privata dello stesso dai citati, e se, mentre i coloni del possessore stanno per entrare nel fondo al fine di continuare la coltivazione od eseguire altri lavori, ne vengono impediti con minaccie da altri, che colo loro*

---

[13] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2006 (fol. 124).
[14] Seduta tat-18 ta' 18 ta' Ottubru 2006 (fol. 124).
[15] Il-konvenut mistoqsi x'ghamel, wiegeb *"Jiena zammejthom fil-passagg."* (fol. 58d).
[16] Vol. XXIII.ii.83.

*numero e col loro atteggiamento dimostrano di voler soprastar, si verifica lo spoglio violento (Cassazione Napoli 13 decembre 1878 – Taranto – Cursolo – Cefarelli, Giursiprudenza Italiana – 1878.i.pagina 341).”*.

“6. Ghal dak li hu terminu, ghalkemm permezz tat-tieni eccezzjoni l-konvenuti jsostnu li l-element ta’ zmien m’huwiex sodisfatt ma ressqu l-ebda prova biex jikkontrabattu dak li xehedu l-atturi. Fil-kors tal-provi l-konvenuti qalu wkoll li l-access ghall-ghalqa ta’ l-atturi hu minn post iehor. Wiehed irid jiftakar li f’azzjoni ta’ spoll huwa immaterjali jekk l-attur ghandux moghdijiet ohra servjenti ghal htigijiet tieghu. Kull prova li tista’ titressaq f’dan ir-rigward ma tistax isservi biex teghleb l-att arbitrarju li jkun wettaq il-konvenut. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li fl-ewwel incident kien hemm ukoll l-element tal-vjolenza (in kwantu l-ispoll sar kontra l-volonta’ tal-possessur) filwaqt li meta tqieghdet ix-xatba kien hemm il-klandestinita [17] ghaliex saret bil-mohbi tal-atturi.

“7. Il-Qorti qeghda taghmilha cara li b’dak li nghad f’din is-sentenza bl-ebda mod m’ghandu jiftiehem li qieghed jippregudika d-dritt tal-konvenuti li jintavolaw proceduri gudizzjarji sabiex jikkontestaw il-jedd ta’ moghdija li l-atturi jippretendu li ghandhom mill-passagg in kwistjoni u x’konsegwenzi jista’ jkollu l-fatt li l-atturi ghandhom proprjeta` ohra li tmiss mal-ghalqa li xtraw minghand Coronato Portelli.

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u:-

“1. Tiddikjara l-konvenut Joseph Portelli kkommetta spoll meta waqqaf lill-atturi milli jghaddu mill-passagg fit-30 ta’ Gunju 2003 u l-konvenuti kkommettew spoll meta wahhlu xatba.

---

[17] *“U meta jirrikorri l-element tal-vjolenza ma hemmx bzonn li l-gudikant jokkupa ruhu minn dak tal-klandestinita'; ghax il-ligi taghna, ghall-finijiet tal-azzjoni ta' spoll privileggjat, tikkunsidra sufficjenti li jkun hemm ir-rekwizit tal-vjolenza jew tal-klandestinita' u mhux li jkun hemm iz-zewg rekwiziti f'daqqa”* (**Nazzareno Desira vs Victor Lungaro** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-20 ta’ Jannar 1961 – Vol. XLV.i.19).

“2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba in kwantu din tirreferi ghax-xatba b’dan li qeghda tordna lill-konvenuti sabiex jirreintegraw lill-atturi fil-pussess tal-passagg fis-sens li ghandhom ihalluhom ighaddu mill-passagg.

“3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba peress li minhabba dak li nghad hawn fuq ma tqiesx li hemm provvediment ulterjuri x’jinghata.

“Spejjez kontra l-konvenuti. Il-Qorti tqies li minkejja l-fatt li x-xatba tnehhiet qabel saret il-kawza u dan il-fatt kien a konoxxenza tal-atturi, kien l-agir taghhom li wassal ghal dawn il-proceduri. Inoltre fl-ittra ufficjali prezentata mill-konvenuti konjugi Mercieca fis-26 ta’ Awwissu 2003 jinghad li ghalkemm tnehhiet ix-xatba ma kienux *“....b’xi mod qed jaghtuk xi dritt li tghaddi minn dan il-passagg.”*

**<u>L-appell tal-konvenuti</u>**

2. Il-konvenuti hassewhom aggravati b’din is-sentenza u interponew appell minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

i) L-ewwel aggravju huwa dwar il-fatt li l-ewwel Qorti xorta ordnat li l-ispejjez ikunu kontrihom ghalkemm gharfet il-fatt li x-xatba li ghalqet il-passagg u li minhabba fiha gie allegat l-ispoll tnehhiet qabel ma’ nfethet il-kawza. Skond l-appellanti l-ispjegazzjoni tal-ewwel Qorti talli ordnat l-ispejjez kontra l-konvenuti kienet minhabba li l-appellanti kienu baghtu ittra spjegattiva lill-atturi appellati dwar din ix-xatba u li dan kien ukoll jammonta ghal spoll.

ii) It-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti huwa dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti meta kkonsidrat li l-att ta’ Joseph Buttigieg [recte: Joseph Portelli] meta waqqaf lill-avukat tal-atturi meta kien ghaddej minn dan l-isqaq, kien jammonta ghall-att spoljattiv, u dan a bazi ta’ sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Felice v. Giorgio Cini**, deciza fl-24 ta’ Novembru 1933. L-appellanti ma jaqblux ma’ din il-konsiderazzjoni ghaliex dan l-att ta’ Joseph Buttigieg [recte: Portelli] ma kienx jammonta ghal stat ta’ fatt li

biddel b'xi mod stat ta' fatt precedenti li jista' jigi rimedjat permezz ta' azzjoni ta' spoll. L-iskop ta' azzjoni ta' spoll hija sabiex il-parti li tikkommetti l-ispoll terga' tpoggi kollox kif kien qabel. Din l-azzjoni tirrigwarda ostakoli jew tfixkil tangibbli u mhux azzjoni verbali.

Illi ghalhekk l-appellanti jkomplu li la darba meta giet intavolata l-kawza ma kien hemm xejn fl-isqaq li l-atturi jippretendu dritt fuqu u ma kien hemm ebda xkiel fiziku, il-kawza civili ma messhiex giet intavolata ghaliex ma kienx hemm skop ghaliha ghaliex kollox kien diga` tpogga fl-istat pristinu tieghu. M'huwiex sufficjenti li jigi pruvat li xi darba kien hemm spoll, izda dan l-ispoll ghandu jezisti fiz-zmien meta giet intavolata l-kawza.

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-konvenuti appellanti talbu l-varjazzjoni tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, inkwantu l-ewwel kap taghha fejn iddikjarat illi l-konvenut Joseph Portelli kkommetta spoll meta waqqaf lill-atturi milli jghaddu mill-passagg fit-30 ta' Gunju 2003 u l-konvenuti ikkommettew spoll meta wahhlu x-xatba; in kwantu t-tieni kap fejn ordnat lil konvenuti sabiex jirrintegraw lill-atturi fil-pussess tal-passagg fis-sens li ghandhom ihalluhom ighaddu mill-passagg u in kwantu ghal kap tal-ispejjez u tiddikjara minflok billi tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tichad it-talbiet attrici minhabba l-fatt li l-elementi ta' spoll ma kienux jezistu fiz-zmien li saret il-kawza.

## **<u>Risposta tal-atturi</u>**

3. L-appellati jissottomettu li l-aggravju tal-appellanti li huma bhala awturi tal-ispoll poggew lura fil-pussess lill-appellati qabel ma giet ipprezentata l-kawza u li ghlahekk ma kienx hemm lok ghal azzjoni ta' spoll, huwa fattwalment infondat. L-appellanti ostakolaw kemm lill-appellati kif ukoll lill-avukat taghhom milli jghaddu mill-passagg billi hargu fil-passagg u waqqfuhom fizikament. Huma hadu l-ligi f'idejhom u ghamlu xatba, liema xatba tnehhiet wara parir legali. Wara li tnehhiet din ix-xatba, l-appellati permezz ta' ittra ufficjali talbu lill-appellanti sabiex jiddikjaraw entro terminu jekk kienux se jhalluhom

ighaddu mill-passagg u fin-nuqqas kienu se jikkonsidraw li l-impediment kien ghadu vigenti. Minhabba l-fatt li fir-risposta ma kienx hemm risposta dwar il-fatt jekk kienux se jithallew ighaddu minn hemm, l-ispoll baqa' hemm.

Rigward l-aggravju li t-twaqqif fiziku ma jikkostitwix spoll, imma se mai hemm azzjoni kriminali, l-appellati jghidu li ma jistghux jifhmu l-argument. Att spoljattiv jikkonsisti fi tnehhija ta' pussess, u dan il-pussess tnehha meta l-appellanti waqqfu fizikament lill-atturi milli jghaddu mill-passagg.

Illi ghalhekk il-pussess ma giex riintegrat. Ghalhekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

**Il-fatti meritu tal-kaz**

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-konvenuti appellanti, din il-Qorti thoss li jkun opportun li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u partikolarment minhabba l-fatt li din l-azzjoni tirrigwarda *actio spolii*, u dan kif ser jinghad:

i) Din il-kawza tirrigwarda passagg li hemm bejn Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex u raba li hija proprjeta` tal-atturi appellati.

ii) Jirrizulta li fit-30 ta' Gunju 2003, waqt li l-atturi kienu ghaddejjin minn dan il-passagg flimkien mal-avukat taghhom Dr. Grazio Mercieca, gew imwaqqfin fizikament mill-konvenuti appellanti milli jkompli ghaddejjin minn dan il-passagg.

iii) Fit-8 ta' Lulju 2003, wiehed mill-konvenuti appellanti, jigifieri Mario Azzopardi, ghamel xatba u ghalaq l-access ghal dan il-passagg.

iv) Din ix-xatba izda tnehhiet ftit wara li kienet saret u qabel ma nfethet din il-kawza.

v) Din il-kawza saret fis-27 ta' Awwissu 2003 sabiex jigi ddikjarat li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin u sabiex il-konvenuti jigu kkundannati li jnehhu x-xatba li kienu poggew.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti qeghdin jillamentaw dwar il-fatt li l-ewwel Qorti xorta ordnat li l-ispejjez ikunu kontrihom ghalkemm gharfet il-fatt li x-xatba li ghalqet il-passagg u li minhabba fiha gie allegat l-ispoll tnehhiet qabel ma nfethet il-kawza. Skond l-appellanti l-ispjegazzjoni tal-ewwel Qorti talli ordnat l-ispejjez kontra l-konvenuti kienet minhabba l-fatt li l-appellanti kienu baghtu ittra spjegattiva lill-atturi appellati dwar din ix-xatba u li dan kien ukoll jammonta ghal spoll.

Meta l-ewwel Qorti ddecidiet dwar l-ispejjez, ghalkemm hadet in konsiderazzjoni l-fatt li x-xatba tnehhiet mill-konvenuti qabel ma nfethet din il-kawza, irriteniet li xorta wahda kellhom ibatu l-ispejjez ghaliex kien l-agir taghhom <u>li wassal ghal dawn il-proceduri</u> u partikolarment minhabba dak li ddikjaraw fl-itrra ufficjali taghhom tas-26 ta’ Awwissu 2003, fejn kitbu li ghalkemm tnehhiet ix-xatba ma kenitx “… b’xi mod qed jaghtuk xi dritt li tghaddi minn dan il-passagg”.

6. Irrizulta mill-provi li effettivament kien minnu li x-xatba li ghamlu l-konvenuti appellanti tnehhiet minnhom <u>qabel</u> il-prezentata tac-citazzjoni attrici. Minbarra dan, jirrizulta wkoll li l-atturi kienu gew infurmati permezz ta’ ittra ufficjali datata s-26 ta’ Awwissu 2003 min-naha tal-konvenuti li din ix-xatba kienet tnehhiet.

Il-konvenuti jidhrilhom li l-ewwel Qorti zbaljat meta kkundannathom ihallsu l-ispejjez tal-kawza ghax isostnu li fil-mument li giet intavolata l-kawza l-ispoll kien tnehha ghal kollox.

Fil-parti relattiva tas-sentenza riferribbilment ghal dan l-aggravju, l-ewwel Qorti immotivat ir-raguni taghha dwar il-kap tal-ispejjez hekk:
“Spejjez kontra l-konvenuti. Il-Qorti tqis li minkejja l-fatt li x-xatba tnehhiet qabel saret il-kawza u dan il-fatt kien a konoxxenza tal-atturi, kien l-agir taghhom li wassal ghal dawn il-proceduri. Inoltre fl-ittra ufficjali prezentata mill-konvenuti konjugi Mercieca fis-26 ta’ Awwissu 2003 jinghad li ghalkemm tnehhiet ix-xatba ma kenux “… b’xi mod qed jaghtuk xi dritt li tghaddi minn dan il-passagg”.

7. Din il-Qorti tibda billi tinnota li l-konvenuti appellanti dehrilhom opportun li bhala l-ewwel aggravju jillamentaw dwar il-kap tal-ispejjez. Fil-fehma tal-Qorti pero` huwa ferm aktar utli li l-konsiderazzjoni dwar min ghandu jhallas l-ispejjez gudizzjarji ssir wara li jkun hemm decizjoni fil-mertu – *multo magis* meta l-konvenuti qeghdin jappellaw ukoll dwar dak li gie deciz fil-mertu.

8. Il-pern tal-kwisjtoni in dibattitu huwa dan: bil-fatt li x-xatba li ghamlu l-konvenuti biex izommu lill-atturi appellati milli jghaddu mill-passagg mertu tal-kawza giet rimossa, jista' jinghad li l-ispoll gie spurgat?

Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li f'materja ta' spoll, il-Qorti m'ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet dwar proprjeta` jew nuqqas taghha jew hwejjeg ancillari bhal ezistenza o meno ta' servitujiet. Dak li ghandha tara u tqis il-Qorti huwa li hadd ma jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u/jew abbuzivament a detriment ta' haddiehor. L-*actio spolii* hija kwindi intiza biex iggieghel lill-ispoljant li jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha.

9. Issa mill-provi akkwiziti jirrizulta li *oltre* x-xatba (sussegwentement rimossa mill-konvenuti), il-konvenuti impedew fizikament lill-atturi milli jibqghu jaghmlu uzu minn dan il-passagg u dana bl-intervent ta' wiehed minnhom cioe` Joseph Portelli, fl-ewwel lok, u wara bl-intervent tal-konvenuti kollha. Fil-fatt jirrizulta li fit-30 ta' Gunju 2003, l-attur Pawlu Buttigieg akkumpanjat mill-Avukat tieghu, Dottor Grazio Mercieca ittanta jghaddi minn dan il-passagg izda safa' ostakolat u impedut vjolentement milli jaccedi minnu mill-konvenuti, kif inghad.

Mhux hekk biss, imma jirrizulta wkoll li tnejn mill-konvenuti appellanti – permezz ta' ittra ufficjali datata s-26 ta' Awwissu 2003 – ghamluha cara li l-atturi ma kellhom ebda dritt jghaddu minn hemm. Jekk wiehed jifli sew il-provi, m'ghandu jkollu l-ebda dubju li l-konvenuti kollha riedu jaghtu messagg car lill-atturi illi jekk dawn jergghu jittentaw jaghmlu uzu minn dan il-passagg billi jghaddu minnu, huma ma jithallewx jaghmlu dan. Dan mela jfisser

li m'huwiex minnu li l-ispoll gie spurgat kompletament bir-rimozzjoni tax-xatba. Ifisser, anzi, li meta l-attur u l-avukat tieghu gew fizikament ostakolati u impeduti b'mod vjolenti milli jghaddu mill-passagg *de quo* f'data partikolari jigifieri fit-30 ta' Gunju 2003 tali att kien jikkostitwixxi att spoljattiv ghar-raguni li l-konvenuti ghamluha bic-car lill-atturi li huma kienu qeghdin jirrezistu kwalsiasi tip ta' pretensjoni min-naha tal-atturi riferibbilment ghal dan id-dritt ta' passagg vantat fil-konfront taghhom.

Issa li kieku t-talbiet tal-atturi kienu cirkoskritti ghat-tqeghid ta' xatba u xejn izjed, allura seta' forsi jinghad li fil-mument tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni, l-att spoljattiv kien tnehha ghal kollox, izda dan mhux il-kaz. Jekk wiehed jifli t-tieni talba tal-atturi jsib fiha li gej:
"2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirreintegraw l-ispoll billi fi zmien qasir u perentorju jnehhu x-xatba u jergghu jpoggu kollox fl-istat pristin tieghu kif ukoll billi bl-ebda mod ma jimpedixxu lill-atturi milli juzaw l-imsemmi passagg". (enfasi mizjud ta' din il-Qorti).

Jista' jinghad li l-konvenuti spurgaw din il-parti tal-ispoll li avvera ruhu fit-30 ta' Gunju 2003? Certament illi le.

L-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghal decizjoni antika moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 1916 fil-kawza fl-ismijiet **Michelina Falzon v. Giuseppe Bonello et** dwar fattispecji simili in kwantu hemm gie ritenut *inter alia* hekk:
"Che l'attrice ha provato di avere posseduto e di essere stata turbata nel suo possesso e privata dello stesso dai citati, e se, mentre I coloni del possessore stanno per entrare nel fondo al fine di continuare la coltivazione ad eseguire altri lavori, ne vengono impediti con minacce da altri, che col loro numero e col loro atteggiamento dimostrano di voler soprastare, si verifica lo spoglio violento (Cassazione Napoli, 13 dicembre 1878, Taranto – Cursolo – Cefarelli, Giurisprudenza Italiana, 1878, parte I, pag. 341).

10. Il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, tikkondividi pjenament dak li gie ritenut u deciz f'din is-sentenza. Fil-fehma

taghha, u bil-maqlub ta’ dak li gie sottomess mill-konvenuti appellanti fir-rikors ta’ appell taghhom (hekk ara para. 24 u 25 tar-rikors) hija ma taqbilx li llum “ma kien hemm l-ebda xkiel fiziku” ghall-atturi jew li l-ispoll allegat ma baqax aktar jezisti. Il-konvenuti invece jafu, ghax hekk espressament taw x’jifhmu lill-atturi, li bix-xatba jew minghajrha, l-istess atturi la ghandhom dritt u lanqas ma kienu sejrin jithallew jibqghu jaghmlu uzu minn dan il-passagg. Il-konvenuti setghu facilment, kieku riedu, jinfurmaw lill-atturi li ghalkemm dawn ma kenux ser jergghu jigu <u>ostakolati fizikament</u> milli jghaddu mill-passagg *de quo*, b’daqshekk ma kienx ikun ukoll ifisser li huma (i.e. il-konvenuti) qeghdin jirrikonoxxu li l-atturi ghandhom xi dritt vestit; imma l-<u>atteggjament dikjarat u esternat</u> mill-konvenuti fil-konfront tal-atturi huma wiehed ta’ molestja u ta’ turbativa lampanti. Huwa proprju dan l-agir manifestament anti-guridiku li l-ligi trid li tipprevjeni u tippunixxi. Ghalhekk l-appell fil-mertu min-naha tal-konvenuti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u qieghed jigi respint.

11. Jifdal pendenti ghalhekk l-ewwel aggravju dwar min ghandu jerfa’ l-kap tal-ispejjez. Evidentement il-konvenuti ghandhom jigu tenuti responsabbli f’dan ir-rigward ghaliex kien l-agir abbuziv u illegali taghhom li induca lill-atturi li jintavolaw din il-kawza. L-uniku punt li jrid jigi deciz huwa dan: stante li l-atturi dehru li kienu edotti gia` bil-fatt li x-xatba tnehhiet mill-konvenuti, kellhom ghalfejn l-atturi jinkorporaw it-tnehhija taghha bhala parti mit-talbiet?

Mill-provi jirrizulta li in risposta ta’ ittra ufficjali mibghuta ghan-nom tal-atturi, il-konvenuti baghtu zewg ittri ufficjali responsivi, wahda ggib id-data tat-8 ta’ Awwissu 2003 (Dok. PB-11, fol. 34) u l-ohra s-26 ta’ Awwissu 2003 (Dok. PB-10, fol. 33 tal-process). Fl-ewwel ittra ma hemm ebda riferenza ghar-rimozzjoni tax-xatba. Fit-tieni ittra jinghad fiha li x-xatba tnehhiet bla ma tissemma’ data meta. Din it-tieni ittra turi d-data tal-prezentata, jigifieri fis-26 ta’ Awwissu 2003 imma <u>ma turi ebda riferta meta giet notifikata</u> lill-atturi. Issa c-citazzjoni tal-atturi giet ipprezentata jum biss wara li din it-tieni ittra giet ipprezentata, cioe` fis-27 ta’ Awwissu 2003. Fic-

cirkostanzi, u dato l-fatt li f'kull kaz l-ispoll kommess permezz ta' impediment fiziku u vjolenti in data tat-30 ta' Gunju 2003 surreferit u c-citazzjoni giet ipprezentata (kif kellha tigi prezentata) fi zmien xahrejn, din il-Qorti hija konkordi mal-ewwel Qorti illi l-ispejjez kollha gudizzjarji jbaghtuhom il-konvenuti appellanti.

Ghalhekk isegwi li l-aggravji tal-konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti b'dan li tordna lill-konvenuti biex minnufih jiddezistu milli b'xi mod jostakolaw l-access tal-atturi milli jghaddu mill-passagg *de quo*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------